# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru: 45**

**Citazzjoni Numru: 2327/99 SM**

**Carmen Zammit**

**v.**

**Jason Dellia**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Ottubru 2012 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata l-25 t'Ottubru, 1999, li permezz taghha wara li l-attrici ppremettiet sintetikament is-segwenti:
>
> "1. Illi l-konvenut Delia, kien investa lill-attrici Zammit bil-vettura tieghu numru DAN – 443 fl-14 ta' Frar, 1998, fi Triq Hompesch, il-Fgura, u konsegwenza tal-istess feriha u kkagunalha d-danni derivanti;
> "2. Illi dan l-incident awtomobilistiku kien dovut ghat-traskuragni, negligenza, imperizja w inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut;
>
> "Talbet lil din il-qorti biex il-konvenut jghid ghaliex m'ghandux:

“i. Jigi dikjarat li dan l-incident kien unikament sehh htija tal-konvenut Delia;

“ii. Jigu likwidati d-danni sofferti mill-attrici konsegwenza tal-istess incident, okkorrendo bin-nomina ta’ periti;

“iii. Jigi kkundannat ihallas id-danni likwidati minnu kkagunati lill-istess attrici fuq indikata;

“iv. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta’ Mejju, 1998;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata t-28 ta’ Jannar, 2000, li permezz taghha l-konvenut sintetikament eccepixxa s-segwenti:

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondat fil-fatt u fid-dritt stante li hu ma jahti xejn ghall-incident de quo;

“2. Illi mhux minnu li l-attrici sofriet xi danni konsegwenza ta’ l-incident in dizamina;

“Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

“Ezaminat id-dokumenti esebiti;

“Ezaminat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-attrici datata t-22 ta’ Lulju, 2010;

“Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

“1. Illi waqt li l-attrici kienet qed taqdi d-doveri taghha bhala surgent fil-Korp tal-Pulizija meta fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Frar, 1998, marret tinvestiga rapport ghaliex instemghet l-“*alarm*” tal-“*Hompesch Bakery*”, il-Fgura, hi u taqsam Triq Hompesch biex tmur lura fil-vettura tas-servizz, intlaqtet f’saqajha l-leminija minn vettura li baqghet sejra u ma waqfitx;

“2. Illi skont l-ufficcjali l-ohra tal-Pulizija li ma l-attrici kienu wkoll qed jaqdu d-doveri taghhom dak il-hin jirrizulta assodat is-segwenti:

“i. Illi dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu sejrin lura biex jaqsmu t-triq u jmorru fil-vettura taghhom;

“ii. Illi qabel ma qassmu t-triq de quo “ … it-triq kienet “*clear*”, (ara fol 15);

"iii. Illi meta raw il-vettura misjuqa mill-konvenut waqfulha biex tghaddi izda "f'daqqa u l-hin ghal xi raguni li ma nafx x'kienet, is-sewwieq ta' din il-vettura kiser ghal fuqna", (ara fol 15);

"iv. Illi nonostante li t-triq kienet minghajr l-ebda traffiku iehor din il-vettura misjuqa mill-konvneut rifset sieq il-leminija ta' l-attrici u konsegwenza tal-istess " … ghajtet ghajta …", (ara fol 15) u wara ma setghetx timxi u kellha zzomm ma' xi hadd, (ara fol 24);

"v. Illi peress li nonostante li l-konvenut kien intimat biex jieqaf, dan telaq minn fuq il-post b'velocita` u kellhom ikunu l-membri tal-Iskwadra Mobbli li jintercettawh;

"3. Illi wara li flimkien mal-kollegi taghha marret l-Ghassa ta' Rahal Gdid, hi xorta kienet kostretta tfittex ghajnuna medika u kellha tittiehed l-isptar ftit wara;

"Ikkunsidrat:

"Illi skont il-konvenut fuq indikat il-fatti minnu esposti jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

"1. Illi dak il-lejl tal-incident kien qed isuq il-vettura in dizamina tal-marka Mini Minor li fiha kien hemm tmien (8) persuni, (ara fol 108);

"2. Illi hekk kif qabez il-mina ta' Hompesch u dahal fi Triq Hompesch jikkonferma li ra l-pulizija;

"3. Illi baqa' ghaddej mill-istess triq u meta waqqaf il-vettura tieghu biex inizzel wiehed mill-passiggieri li kellu, twaqqaf mill-pulizija;

"4. Illi l-konvenut u x-xhieda tieghu jsostnu li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qed tinstaq b'velocita` minima – "ahna bqajna ghaddejjin bil-mod" – (ara fol 125, ara wkoll fol 109);

"Ikkunsidrat:

"Illi rigwardanti l-velocita` tal-vettura in dizamina ghandu jinghad li jezistu zewg verzjonijiet konfliggenti, senjatament:

"i. Dik tal-Pulizija: il-vettura kienet qed tigi misjuqa b'velocita`;

"ii. Dik tal-konvenut: il-vettura kienet qed tigi misjuqa bil-mod;

"Illi ghalhekk in difett ta' prova cara u skjaccanti jew ta' cirkostanza probatorja ndipendenti fir-rigward, xejn aktar min hekk ma jista' jinghad fir-rigward;

"Ikkunsidrat:

"Illi pero` jibqa' l-fatt oggettiv li konsegwenza tal-assjem cirkostanzjali fuq dedott, l-attrici spiccat intrifset mill-vettura in dizamina;

"Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

"1. Illi minn "*X-ray*" ta' sieq l-attrici mehud ftit wara l-incident de quo irrizulta li " … kien hemm ksur f'wahda mill-ghadmiet tas-sieq ezattament il-"*fifth metatarsal*", (ara fol 101);

"2. Illi rrizulta wkoll li tghawwget l-ghaksa tal-attrici li tant kienet severa li nqalghet bicca mill-ghadma, (ara fol 103);

"Ikkunsidrat:

"Illi jirrizulta li fil-hin tal-incident Triq Hompesch kienet imdawwla tajjeb, (ara fol 38);

"Ikkunsidrat:

"Illi nonostante l-verzjonijiet kontrapposti rigwardanti l-velocita` li biha kien qed isuq il-konvenut jirrizulta sintetikament:

"1. Illi t-triq in dizamina kienet imdawwla tajjeb;

"2. Illi t-triq de quo kienet minghajr traffiku jew ostakoli ohra;

"3. Illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kellha d-doppju tal-passiggieri li tista' normalment takkomoda;

"4. Illi l-konvenut u shabu kienu qed jirritornaw id-dar wara serata ta' divertiment fejn jirrizulta li l-istess konvenut jammetti li xorob xejn anqas minn tmien (8) fliexken birra qabel ma saq, (ara fol 114);

"5. Illi l-attrici u l-kollegi taghha kienu qed jaqdu dmirijiethom biex jipprotegu l-inkolumita` tac-cittadin;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward id-danni sofferti mill-attrici ghandu jinghad li l-attrici jidher li tindirizza biss il-perjodu li konsegwenza tal-incident de quo kienet kostretta tirtira mix-xoghol u spiccat minghajr salarju;

"Illi skont ix-xhieda u dokumenti pprezentati jirrizulta sintetikament is-segwenti:

"1. Illi l-attrici kienet kostretta ma tidholx ghax-xoghol ghall-perjodu bejn Frar sa Awwissu 1998;

“2. Illi jidher li s-salarju mensili minnha percepit kien ta’ tlett mija u tnejn u sittin Lira Maltin, (LM362.00);

“3. Illi ghalhekk id-danni de quo jikkoncernaw il-perjodu ta’ sitt (6) xhur u nofs, ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u tlieta u hamsin Lira Maltin, (LM2,353.00), ekwivalenti ghal hamest elef, erba’ mija u wiehed u tmenin Ewro u centezmu, (€5,481.01);

“Ikkunsidrat:

“Illi mill-assjem kollu tal-fatti kif fuq sintetikament esposti ghandu jirrizulta sintetikament pacifiku s-segwenti:

“1. Illi l-ammont ta’ tmienja (8) minn nies f’vettura mhux konducibbli biex jghin lill-konducent ta’ vettura jzomm dik l-attenzjoni minnu dovuta meta jkun qed jassumi dik ir-responsabbilita` li tigi meta wiehed isuq vettura;

“2. Illi di piu`, l-antecedenti ghall-istess, li kien qed jiddeverti u li xorob ammont konsiderevoli ta’ birra qabel ma beda jsuq, zgur li ma jikkontribwix biex l-isess konducent konvenut ikollu dawk il-kwalitajiet mehtiega biex jassumi tali responsabbilita` gravi li jsuq vettura;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghandu ovvju li dan l-assjem fattwali fuq sintetikament espost ma jikkontribwix biex il-konducent in dizamina jkollu dik il-kapacita` riflessiva tant necessarja fis-sewqan;

“Illi n-nuqqas t’ostakoli fit-triq de quo; id-dawl tajjeb tal-istess triq, u n-nuqqas ta’ traffiku fiha kollha kienu fatturi li setghu jghinu lill-konvenut jevita l-incident in dizamina;

“Illi pero`, c-cirkostanzi kollha tal-kaz jindikaw li l-konvenut ma kienx qed izomm dak il-“*proper lookout*” tant necessarju ghall-inkolumita` tal-istess konducent u tal-utenti l-ohra tat-triq;

“Illi f’dan ir-rigward ir-rikjam tal-abbli rapprezentant legali tal-attrici ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Schembri noe vs Casolani datata d-9 ta’ Gunju, 2005** hi tassew pertinenti u ghalhekk qed jigi ribadit is-segwenti:

“i. Illi jinkombi fuq is-sewwieq ta’ vettura li juza attenzjoni partikolari;

“ii. Illi tali sewwieq ghandu jirregola l-velocita` biex jipprevjeni ghall-imprevist, u jevita li jkun konfrontat min ostakoli b’mod imprevist;

“Illi kif jindikaw bi kjarezza **Clerk and Lindsell** fil-ktieb “**Torts**” (Sweet and Maxwell, 2000):

> "The personal rule is that the vehicle should be driven at a speed which enables the driver to stop within the limits of his vision particularly having regard to … the time during which he is driving and the state of the road";

"Illi ghalhekk l-attenzjoni tal-konducent hi kondizzjoni *sine qua non* li ghandu josserva ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Debattista, Qorti tal-Appelli Kriminali, datata s-26 ta' Mejju, 2004**:

> "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well";

"Illi tenut kont tal-assjem tas-suespost din il-qorti:

"1. Tiddikjara li l-incident de quo li sehh fi Triq Hompesch, il-Fgura, fl-14 ta' Frar, 1998, sehh unikament tort u htija tal-konvenut Jason Delia;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Carmen Zammit fl-ammont ta' elfejn u tlett mitt Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu, (LM2,353.00), ekwivalenti ghal hamest elef, erba' mija u wiehed u tmenin Ewro u centezmu, (€5481.01);

"3. Tikkundanna lill-imsemmi konvenut Delia biex ihallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lill-attrici Zammit;

"4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti minn Mejju, 1998, kontra l-imsemmi konvenut Delia;"

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li qed jitlob ir-revoka tal-akkoljiment tat-tieni, tielet u r-raba' talbiet attrici. Ghalhekk mhux qed jikkontesta d-decizjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabilita` izda biss dwar id-danni akkordati u l-imghaxijiet relattivi; l-attrici li ma pprezentatx risposta bil-miktub permezz tat-trattazzjoni orali talbet il-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

Kif inghad l-appellant mhux qed jikkontesta r-responsabilita` tieghu ghall-incident in kwistjoni izda qed isostni **l-ewwelnett** li mill-provi li

ressqet l-istess appellata ma jirrizultax li sofriet danni ghaliex hija baqghet tircievi s-salarju ta' surgent fil-Korp tal-Pulizija minghajr ebda tnaqqis. Ma jirrizultax lanqas li sofriet xi debilita` permanenti u allura ma hemmx danni x'tigi akkordata.

Fil-kawza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et v. Cargo Handling Co Limited** deciza mill-Prim'Awla fit-13 ta' Ottubru 2004 intqal illi;

> "Ghandu .. dejjem jinzamm in mira, u fil-perspettiva sana, illi l-funzjoni primarja tar-rizarciment hi dik tal-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr tal-qaghda ante quo il-fatt leziv tal-dritt; Insibu delinjat fil-Kodici Civili l-kriterji ghall-individwazzjoni tad-dannu rizarcibbli u tad-diversi forom ta' rizarciment. Hekk, per ezempju, l-Artikolu 1135 jistabbilixxi li "id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b' mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qligh li jkun gie mtellef". Jissokta jsegwi illi f' kaz ta' danni **ex culpa** ir-responsabilita` hi limitata ghal dawk id-danni li setghu jkunu prevedibbli mid-debitur (Artikolu 1136; **Kollez. Vol. XXIX P I p 927**). Invece, f' kaz ta' ghemil doluz jidhlu biss dawk id-danni kif fuq precizati li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1137; **Kollez. Vol. XXV P I p 653**); Mis-suespost jitnissel li kull konsegwenza patrimonjali negattiva trid tigi kalkolata skond parametri objettivi. In kwantu l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili jsemmi kemm it-telf subit kif ukoll il-qligh li jkun gie mtellef wiehed jifhem li n-norma hi mahsuba bhala espressjoni tal-principju tar-rizarciment mill-konsegwenzi kollha patrimonjali negattivi tal-lezjoni ghat-titolari tad-dritt."

Fil-kaz in ezami wiehed ma jistax ma jikkummentax negattivament fuq il-mod li bih l-appellata ressqet il-provi taghha f'dan ir-rigward. Fil-waqt li dwar kif gara l-incident r-responsabilita` tal-appellant ma hemm ebda dubbju li mill-provi din tirrizulta ampjament, mhux l-istess jista' jinghad dwar il-prova dwar id-danni. Infatti kull ma ghamlet kien illi esebiet numru ta' *payslips* li jkopru s-snin bejn l-1997 u l-2003 (fol. 76 et

sequitur). Dan kien ikun bizzejjed kieku kien hemm dizabilita` permanenti izda fil-kaz in ezami hija kellha ggib prova tan-nuqqas ta' qliegh kif trid il-ligi; invece jirrizulta li s-salarju taghha kien tista' tghid l-istess ghall-perjodu msemmi. Ghalhekk ghandu ragun l-appellant jargumenta li "ut sic" hija ma sofriet ebda nuqqas ta' qliegh fis-salarju taghha ghal dak il-perjodu nonostante l-fatt li x-xhud Spettur Grima fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2005 qal li hija tilfet sitt xhur xoghol minhabba l-incident.

Jirrizulta pero` li fil-waqt li fis-snin ta' wara l-appellata qalghet somom varji ghal "overtime" dan huwa nieqes fis-sena in kwistjoni. Infatti fis-sena ta' wara l-incident – 1999 hija irceviet Lm303. Fil-kawza **Camilleri v. Cargo Handling** fuq imsemmija il-Qorti qalet ukoll:

> "In kwantu l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili jsemmi kemm it-telf subit kif ukoll il-qligh li jkun gie mtellef wiehed jifhem li nnorma hi mahsuba bhala espressjoni tal-principju tarrizarciment mill-konsegwenzi kollha patrimonjali negattivi tal-lezjoni ghat-titolari tad-dritt. Tali principju "compensatio lucri cum danno" jinnecessita` rabta ma' l-antecedenti li jkunu taw lok ghad-dannu. Dan ghall-fini tan-ness ta' kawzalita`. Huwa mbaghad daqstant iehor logiku u gust illi ghandhom dejjem jittiehdu in konsiderazzjoni l-fattezzi tal-kaz partikolari. Inter alia, f' dan il-kaz, il-fatt li l-atturi ma hadmux l-overtime li dwaru ttelf tieghu qed jitolbu rizarciment.
>
> ".....Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni **a Vol. XXXV P III p 615** fejn gie proprju rikonoxxut, fuq listregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua

> ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato";

F'kaz bhal dak in ezami il-Qorti thoss li ghandha tapplika dan l-insenjament ghaliex huwa gust li l-appellata jkollha xi forma ta' kumpens bhala danni ghas-sinistru li minghajr dubbju garrbet htija tal-appellant u fil-waqt li taqbel mal-appellant li dawn id-danni ma ghandhomx ikunu ekwivalenti ghas-somma akkordata mill-ewwel Qorti, in vista tal-premess se tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' €2,400.

**L-aggravju l-iehor** tal-appellant jirrigwardja l-imghax ghaliex isostni li dan ma kellux jibda jiddekorri mill-1998 meta sehh l-incident izda mid-data tas-sentenza billi l-appellata talbet somma "da liquidarsi". Ma hemmx dubbju li l-principju huwa li "*imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni … … meta l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata*. *Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet*". **(Mizzi v. Mizzi, Appell, 30 ta' Gunju 2004)**

Ma dan il-principju naturalment din il-Qorti taqbel, madankollu hija tal-fehma ukoll illi l-imghax fuq is-somma likwidata meta t-talba tkun kif inghad ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata; dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti ta' din il-Qorti - ara per ezempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar

2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta' Novembru 2003).

> "Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero` li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita`."

**DECIZJONI**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-appell billi tilqghu parzjalment u dan billi fil-waqt li tordna li s-somma li l-appellant ghandu jhallas lill-attrici appellata in linea ta' danni ghandha tkun ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) minflok is-somma akkordata mill-ewwel Qorti, bl-imghaxijiet jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata stess, tikkonferma l-bqija tas-sentenza. L-ispejjez tal-ewwel Istanza kif gia` decizi – dawk tal-appell jithallsu fi kwoti indaqs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df